REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/35

tat-8 ta' Jannar 2019

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-welfare tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) u 63(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 ([2]) jistipula r-regoli dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fuq l-importazzjonijiet ta' għalf u ta' ikel ta' oriġini mhux mill-annimali elenkati fl-Anness I tiegħu ("il-lista"), fil-punt tad-dħul magħżul ("DPE") fit-territorji msemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009, l-Istati Membri huma meħtieġa jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport darbtejn fis-sena dwar il-kunsinni tal-għalf u tal-ikel fil-lista, inkluż id-dettalji ta' kull kunsinna, l-għadd ta' kunsinni li minnhom ittieħdu l-kampjuni għall-analiżi u r-riżultati tal-kontrolli uffiċjali mwettqa f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 669/2009. Ċerti Stati Membri jirreġistraw id-dokumenti komuni tad-dħul maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 fuq bażi volontarja fis-Sistema Esperta u ta' Kontroll tal-Kummerċ (TRACES), stabbilita bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2003/24/KE ([3]) u 2004/292/KE ([4]), u b'hekk jipprovdu lill-Kummissjoni bid-dettalji ta' kull kunsinna, l-għadd ta' kunsinni li minnhom ittieħdu l-kampjuni għall-analiżi u r-riżultati tal-kontrolli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 669/2009. Għalhekk jenħtieġ li l-obbligu ta' rappurtar jitqies li ġie sodisfatt meta l-Istati Membri jirreġistraw fi TRACES d-dokumenti komuni tad-dħul maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 matul il-perjodu ta' rapportar stabbilit f'dak ir-Regolament.

(3) L-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li matulu r-rekwiżiti minimi għall-Punti Dħulijiet tad-Dħul (DPEs - Designated Points of Origin) jistgħu jiġu implimentati progressivament u jistgħu jitwettqu l-kontrolli fiżiċi u ta' identita f'punti ta' verifika oħra minbarra fid-DPEs. Dan il-perjodu ta' tranżizzjoni ġie estiż permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 718/2014 ([5]) sal-14 ta' Awwissu 2019, sakemm joħroġ ir-riżultat tar-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-Punti Dħulijiet tad-Dħul u għall-kontrolli fuq il-fruntiera b'mod ġenerali. Dik ir-reviżjoni wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), li għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019. Dak ir-Regolament jipprevedi li għandhom jiġu stabbiliti atti delegati fir-rigward ta' regoli

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE tat-30 ta' Diċembru 2002 li tirrigwarda l-iżvilupp ta' sistema veterinarja integrata u komputerizzata (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 44).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces u li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE (ĠU L 94, 31.3.2004, p. 63).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 718/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 55).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

li jistabbilixxu l-każijiet fejn, u l-kundizzjonijiet li fihom, kontrolli fiżiċi u tal-identità fuq kunsinni ta' prodotti soġġetti għal żieda temporanja ta' kontrolli uffiċjali jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti f'punti ta' kontroll oħra għajr il-punti ta' kontroll fuq il-fruntiera. Billi dawk ir-regoli għandhom japplikaw mill-14 ta' Diċembru 2019, huwa xieraq li l-perjodu ta' tranżizzjoni jiġi estiż sal-jum qabel dik id-data.

(4) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jipprevedi li l-lista fl-Anness I ta' dak ir-Regolament għandha tkun riveduta regolarment, u mill-inqas darbtejn fis-sena, filwaqt li għandhom jitqiesu s-sorsi ta' informazzjoni imsemmijin f'dak l-Artikolu.

(5) L-okkorrenza u r-rilevanza tal-inċidenti reċenti b'rabta mal-ikel, innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([7]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-informazzjoni fir-rigward ta' kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri fuq l-għalf u l-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, kif ukoll ir-rapporti ta' darbtejn fis-sena dwar il-kunsinni tal-għalf u tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, jindikaw li jenħtieġ li l-lista tiġi emendata.

(6) Is-sorsi rilevanti ta' informazzjoni jindikaw li tfaċċaw riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-kontaminazzjoni possibbli bir-residwi tal-pestiċidi li jeħtieġu l-introduzzjoni ta' żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali b'mod partikolari għall-kunsinni ta' brunġiel mir-Repubblika Dominikana, tal-fażola mill-Kenja u tal-bżar (minbarra dak ħelu) mill-Uganda. Barra minn hekk, is-sorsi rilevanti ta' informazzjoni jindikaw li tfaċċaw riskji ġodda għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni mis-*Salmonella* li jeħtieġu l-introduzzjoni ta' żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali għal kunsinni ta' bżar iswed mill-Brażil, tal-bżar ħelu miċ-Ċina u tal-ġulġlien mill-Etjopja. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw dawn il-kunsinni jiddaħħlu fil-lista.

(7) Barra minn hekk, huwa xieraq li jitħassru l-entrati għall-prodotti li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika livell ġenerali sodisfaċenti fil-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li għalihom ma għadhiex ġustifikata żieda fil-kontrolli uffiċjali. Għalhekk jenħtieġ li titħassar l-entrata fil-lista li tikkonċerna l-ananas mill-Benin.

(8) Barra minn hekk, huwa xieraq li tiżdied il-frekwenza ta' kontrolli fiżiċi u ta' identità fuq il-prodotti li għalihom is-sorsi rilevanti ta' informazzjoni jindikaw grad ta' nuqqas ta' konformità mal-ħtiġijiet rilevanti ta' sigurtà previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li jiġġustifika żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali. Għalhekk, l-entrati fil-lista li jikkonċernaw bżar ħelu u bżar (minbarra dak ħelu) mill-Eġittu, bżar (minbarra dak ħelu) mill-Indja u l-Pakistan, bżar (ħelu jew mhux) mis-Sri Lanka u ġellewż mill-Georgia jenħtieġu li jiġu emendati skont dan.

(9) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-entrata li tikkonċerna l-ġellewż mill-Georgia jenħtieġ li jiġi emendat biex jinkludi forom oħra tal-prodott barra minn dawk li hemm elenkati bħalissa, jekk dawk il-forom l-oħra jippreżentaw l-istess riskju. Għalhekk huwa xieraq li tiġi emendata l-entrata eżistenti li tikkonċerna l-ġellewż mill-Georgia biex tinkludi dqiq, pasta u trab tal-ġellewż u ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor.

(10) Sabiex ikunu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, huwa xieraq li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jiġi sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 669/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 15, għandu jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. L-iskeda ta' obbligi ta' rappurtar stipulati fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitqiesu li ġew sodisfatti meta l-Istati Membri jkunu rreġistraw fi TRACES id-dokumenti komuni tad-dħul maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament matul il-perjodu tar-rappurtar stabbilit fil-paragrafu 1."

([7]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

(2) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Sat-13 ta' Diċembru 2019, jekk punt tad-dħul magħżul ma jkunx mgħammar bil-faċilitajiet meħtieġa biex isiru l-kontrolli fiżiċi u tal-identità, kif stipulat fl-Artikolu 8(1)(b), dawn il-kontrolli jistgħu jsiru f'punt ta' kontroll ieħor fl-istess Stat Membru, li jkun awtorizzat għal dan il-għan mill-awtorità kompetenti, qabel ma l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera, sakemm dan il-punt ta' kontroll jissodisfa r-rekwiżiti minimi stipulati fl-Artikolu 4."

(3) L-Anness I huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"ANNESS I

Għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali soġġett għal żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul magħżul

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM [1]	Subdivižjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Karawett fil-qoxra — Karawett, bla qoxra, — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor; ***(Għalf u ikel)***	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		**Il-Bolivja (BO)**	Aflatossini	50
— Bżar (Piper) ***(Ikel - imnixxef, la mfarrak u lanqas mitħun)***	ex 0904 11 00	**10**	**Il-Brazil (BR)**	*Salmonella* [2]	20
Goġi komuni/goġi taċ-Ċina (wolfberries) (*Lycium barbarum* L.) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew imnixxef)***	ex 0813 40 95; ex 0810 90 75	**10** **10**	**Iċ-Ċina (CN)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [4]	10
Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) ***(Ikel — imfarrak jew mitħun)***	ex 0904 22 00	**11**	**Iċ-Ċina (CN)**	*Salmonella* [2]	20
Te, kemm jekk imħawwar jew le ***(Ikel)***	0902		**Iċ-Ċina (CN)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [5]	10
Brunġiel (*Solanum melongena*) ***(Ikel – frisk jew imkessaħ)***	0709 30 00		**Ir-Repubblika Dominicana (DO)**	Residwi tal-pestiċidi [3]	20
— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) — Bżar (minbarra dak ħelu) (*Capsicum* spp.) — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis, vigna unguiculata* spp. *unguiculata)* ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— 0709 60 10; 0710 80 51 — ex 0709 60 99; ex 0710 80 59 — ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	 **20** **20** **10** **10**	**Ir-Repubblika Dominicana (DO)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [6]	20
— Bżar ħelu (*Capsicum annuum*) — Bżar (minbarra dak ħelu) (*Capsicum* spp.) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	— 0709 60 10; 0710 80 51 — ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	 **20** **20**	**L-Eġittu (EG)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [7]	20
Ġulġlien ***(Ikel - frisk jew imkessaħ)***	1207 40 90		**L-Etjopja**	*Salmonella* [2]	50

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM [1]	Subdivižjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Ġellewż bil-qoxra — Ġellewż bla qoxra — Dqiq, pasta u trab tal-ġellewż — Ġellewż, ippreparat jew ippreservat mod ieħor ***(Ikel)***	— 0802 21 00 — 0802 22 00 — ex 1106 30 90 — ex 2008 19 19; ex 2008 19 95; ex 2008 19 99	 **40** **30** **20** **30**	**Il-Georgia (GE)**	Aflatossini	50
Żejt tal-palm ***(Ikel)***	1511 10 90; 1511 90 11; ex 1511 90 19; 1511 90 99	 **90**	**Il-Ghana (GH)**	Żebgħat tas-Sudan [8]	50
— Karawett fil-qoxra — Karawett, bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor; ***(Għalf u ikel)***	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		**Il-Gambja (GM)**	Aflatossini	50
Okra ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 99 90; ex 0710 80 95	**20** **30**	**L-Indja (IN)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [9]	10
Bżar (minbarra dak ħelu) (*Capsicum* spp.) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**L-Indja (IN)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [10]	20
Ful (*Vigna* spp., *Phaseolus* spp.) ***(Ikel – frisk jew imkessaħ)***	0708 20		**Il-Kenja (KE)**	Residwi tal-pestiċidi [3]	5
Karfus Ċiniż (*Apium graveolens*) ***(Ikel — ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)***	ex 0709 40 00	**20**	**Il-Kambodja (KH)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [11]	50
Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis, vigna unguiculata* spp. *unguiculata*) ***(Ikel - ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	**10** **10**	**Il-Kambodja (KH)**	Residwi tal-pestiċidi [3] [12]	50
Ġdur (*Brassica rapa spp. Rapa*) ***Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku)***	ex 2001 90 97	**11; 19**	**Il-Libanu (LB)**	Rodamina B	50
Bżar (ħelu jew mhux) (*Capsicum* spp.) ***(Ikel - imnixxef, mixwi, imfarrak jew miħun)***	ex 2008 99 99; 0904 21 10; ex 0904 21 90; ex 0904 22 00	**79** **20** **11; 19**	**Is-Sri Lanka (LK)**	Aflatossini	50

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM (1)	Subdivižjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Karawett fil-qoxra — Karawett, bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor; ***(Għalf u ikel)***	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		**Il-Madagascar (MG)**	Aflatossini	50
Ġulġlien ***(Ikel - frisk jew imkessaħ)***	1207 40 90		**In-Niġerja (NG)**	*Salmonella* (2)	50
Bżar (minbarra dak ħelu) (*Capsicum* spp.) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**Il-Pakistan (PK)**	Residwi tal-pestiċidi (3)	20
Lampun ***(Ikel - iffriżat)***	0811 20 31; ex 0811 20 11; ex 0811 20 19	 **10** **10**	**Is-Serbja (RS)**	Norovirus	10
— Karawett fil-qoxra — Karawett, bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor; ***(Għalf u ikel)***	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		**Is-Sudan (SD)**	Aflatossini	50
Ġulġlien ***(Ikel - frisk jew imkessaħ)***	1207 40 90		**Is-Sudan (SD)**	*Salmonella* (2)	50
Żrieragħ tad-dulliegħ (*Egusi, Citrullus* spp.) u l-prodotti li ġejjin minnhom ***(Ikel)***	ex 1207 70 00; ex 1106 30 90; ex 2008 99 99	**10** **30** **50**	**Sierra Leone (SL)**	Aflatossini	50
— Karawett fil-qoxra — Karawett, bla qoxra — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor; ***(Għalf u ikel)***	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		**Is-Senegal (SN)**	Aflatossini	50
Ġdur (*Brassica rapa spp. Rapa*) ***Ikel — ippreparat jew ippreservat permezz tal-ħall jew l-aċtu aċetiku)***	ex 2001 90 97	**11; 19**	**Is-Sirja (SY)**	Rodamina B	50
Bżar (minbarra dak ħelu) (*Capsicum* spp.) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**It-Tajlandja (TH)**	Residwi tal-pestiċidi (3) (13)	10

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM (1)	Subdivižjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
— Berquq imnixxef — Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor (14) ***(Ikel)***	— 0813 10 00 — 2008 50 61		**It-Turkija (TR)**	Sulfiti (15)	20
Għeneb imnixxef (inkluż l-għeneb imnixxef imqatta' jew mgħaffeġ f'pejst, mingħajr trattament ieħor) ***(Ikel)***	0806 20		**It-Turkija (TR)**	Okratossina A	5
Lumi (*Citrus limon, Citrus limonum*) ***(Ikel – frisk, imkessaħ jew imnixxef)***	0805 50 10		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi (3)	10
Rummien ***(Ikel - frisk jew imkessaħ)***	ex 0810 90 75	**30**	**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi (3) (16)	10
Bżar Ħelu (*Capsicum annuum*) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	0709 60 10; 0710 80 51		**It-Turkija (TR)**	Residwi tal-pestiċidi (3) (17)	10
Bżar (minbarra dak ħelu) (*Capsicum* spp.) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99 ex 0710 80 59	**20** **20**	**L-Uganda (UG)**	Residwi tal-pestiċidi (3)	20
Ġulġlien ***(Ikel - frisk jew imkessaħ)***	1207 40 90		**L-Uganda (UG)**	*Salmonella* (2)	50
— Pistaċċi, bil-qoxra — Pistaċċi, bla qoxra — Pistaċċi, inkaljati ***(Ikel)***	— 0802 51 00 — 0802 52 00 — ex 2008 19 13; ex 2008 19 93	 **20** **20**	**L-Istati Uniti (US)**	Aflatossini	10
— Berquq imnixxef — Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor (14) ***(Ikel)***	— 0813 10 00 — 2008 50 61		**L-Użbekistan (UZ)**	Sulfiti (15)	50
— Weraq tal-kosbor — Ħabaq u ħabaq sagru — Nagħniegħ — Tursin ***(Ikel - ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)***	— ex 0709 99 90 — ex 1211 90 86 — ex 1211 90 86 — ex 0709 99 90	**72** **20** **30** **40**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi (3) (18)	50
Okra ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 99 90 ex 0710 80 95	**20** **30**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi (3) (18)	50

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM (1)	Subdiviżjoni tat-TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
Bżar (minbarra dak ħelu) (*Capsicum* spp.) ***(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)***	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	**20** **20**	**Il-Vjetnam (VN)**	Residwi tal-pestiċidi (3) (18)	50

(1) Meta jkun jeħtieġ li jiġu eżaminati biss ċerti prodotti li jidħlu taħt xi kodiċi tan-NM u ma tkun teżisti l-ebda subdiviżjoni speċifika f'dak il-kodiċi, il-kodiċi tan-NM jiġi mmarkat bl-ittri 'ex' quddiemu.

(2) Il-metodu ta' referenza EN/ISO 6579-1 jew metodu mqabbel miegħu biex jiġi vvalidat skont l-aktar verżjoni reċenti tal-EN/ISO 16140 jew protokolli simili oħrajn aċċettati internazzjonalment.

(3) Ir-residwi ta' mill-inqas dawk il-pestiċidi elenkati fil-programm ta' kontroll adottat skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1) li jistgħu jiġu analizzati b'metodi multiresidwi bbażati fuq il-kromatografija b'faži gassuża/spettrometrija ta' massa (GC-MS), u dawk ibbażati fuq il-kromatografija likwida/spettrometrija tal-massa (LC-MS) (il-pestiċidi jridu jiġu ssorveljati fil-prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew fuqhom biss).

(4) Residwi ta' Amitraz.

(5) Residwi ta' Tolfenpyrad.

(6) Ir-residwi tal-Aċefat, tal-Aldikarb (is-somma tal-aldikarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala aldikarb), tal-Amitraz (amitraz li jinkludi l-metaboliti li fihom il-frazzjoni ta' 2,4 -dimetilanilina mogħtija bħala amitraz), tad-Diafentjuron, tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p′ u o,p′), tad-Ditijokarbamati (id-ditijokarbamati mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram) u tal-Metijokarb (is-somma tal-metijokarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala metijokarb).

(7) Ir-residwi tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p′ u o,p′), tad-Dinotefuran, tal-Folpet, tal-Prokloraż (is-somma tal-prokloraż u tal-metaboliti tiegħu li fihom frazzjoni ta' 2,4,6-Triklorofenol mogħtija bħala prokloraż), tat-Tijofanat metil u tat-Triforina.

(8) Għall-fini ta' dan l-Anness, 'Żebgħat tas-Sudan' tirreferi għas-sustanzi kimiċi li ġejjin: (i) Is-Sudan I (Numru tal-CAS 842-07-9); (ii) Is-Sudan II (Numru tal-CAS 3118-97-6); (iii) Is-Sudan III (Numru tal-CAS 85-86-9); (iv) L-Aħmar Skarlat; jew is-Sudan IV (Numru CAS 85-83-6).

(9) Residwi tad-Diafentjuron.

(10) Residwi tal-Karbofuran.

(11) Ir-residwi tal-Fentoat.

(12) Ir-residwi tal-Klorbufam.

(13) Ir-residwi tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imluħ tiegħu mogħtija bħala (kloridrat tal-) formetanat), tal-Protijofos u tat-Triforina.

(14) Kontrolli fiżiċi u tal-identità jistgħu jitwettqu mill-awtorità kompetenti tal-post ta' destinazzjoni kif indikat fis-CED, skont l-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament.

(15) Metodi ta' referenza: EN 1988-1:1998, EN 1988-2:1998 jew ISO 5522:1981.

(16) Ir-residwi tal-Prokloraż.

(17) Ir-residwi tad-Diafentjuron, tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imluħ tiegħu mogħtija bħala (kloridrat tal-) formetanat), u tat-Tijofanat metil.

(18) Ir-residwi tad-Ditijokarbamati (id-ditijokarbamati mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram), tal-Fentoat u tal-Kwinalfos."